


## ID-DWANA FIL-LETTERATURA U FL-ARTI

Fil-publikazzjoni interessanti ta' Nicali u Favale (2004) dwar diversi aspetti tad-dwana fl-istorja, insibu li hu possibbli li ma jeżistux opri letterarji, fi proża jew poeżija, li huma, kollha kemm huma, dedikati għad-dinja tad-dwana, jew li għandhom xi dwaniera bħala protagonisti. Madankollu, insibu b'ċerta frekwenza diversi referenzi għal dwaniera f'diversi opri letterarji.

L-ewwel referenza għall-professjoni ta' dwanier, jew pubblikan, insibuha fid-*De Officiis –Libro I-150* (44 QK) ta' Marku Tullju Ċiċerun (106-43QK), fejn isemmi li x-xogħol ta' dwanier (portitorum) hu fost l-aktar xogħol li jattira l-odju tal-bnedmin, l-istess bħal dak tal-użura.

Anki Giovanni Boccaccio (1313-1375) fid-*Decamerone (giornata ottava, novella decima)*, li kiteb fl-1353, jagħmel aċċenn għall-attività tad-dwana: *"soleva essere, e forse che ancora oggi è, una usanza in tutte le terre marine che hanno porto, così fatta, che tutti i mercatanti che in quelle con mercantie capitano, facendole scaricare, tutte in un fondaco, il quale in molti luoghi è chiamato "dogana", tenuta per lo Comune o per lo Signor della terra, le portano; e quivi, dando a coloro che sopra ciò sono, per iscritto, tutta la mercantia ed il pregio di quella, e dato per li detti al mercatante un magazzino nel quale esso la sua mercantia ripone, e serralo con la chiave; e li detti doganieri poi scrivono in sul libro della dogana a ragione del mercatante tutta la sua mercatantia, facendosi poi del loro diritto pagare al mercatante..."*.

Aċċenn ieħor inqas kumplimentuż għad-dwaniera niltaqgħu miegħu fil-kummiedji ta' Ludovico Ariosto (1474-1533): *"queste cose, come a Siena giunsero, ritenute lor fur da questi publici ladroni, che doganieri si chiamano"*. Mentri Michelangelo Buonarroti Iż-Żgħir (1568-1646) jesprimi hekk fil-kummiedja tiegħu *La Fiera: "Fà che nell'arristiarti ai contrabbandi; gabellieri, stradieri, doganieri, birrigrascini, spie, non sospettino in te malizia alcuna"*.

Giovanni Francesco Gemelli Careri (1651-1725) fil-ktieb tiegħu ta' sitt volumi *Giro del Mondo* (1699), li kiteb wara vjaġġ mad-dinja ta' ħames snin bejn l-1693 u l-1698, isemmi l-kontroll effettwat mid-dwaniera b'dan il-mod: *"Diligentemente i doganieri cercarono nelle nostre scarselle, per vedere se vi avevano perle o zecchini"*.

Minn-naħa tiegħu, Ippolito Nievo (1831-1861), kittieb, ġurnalist u parijott Taljan tar-Risorgimento, fir-rumanz tiegħu *Le confessioni di un Italiano* (1857-58), jaċċenna li *"Appena giunti in quel porto, una turba di birri e di doganieri capitarono a bordo"*. Deskrizzjoni qasira iżda effikaċi ħafna tal-ambjent



Il-kwadru ta' San Mattew ta' Caravaggio

tad-dwana nsibuha fir-rumanz prinċipali ta' Nathaniel Hawthorne (1804-1864) *La lettera scarlatta* li kiteb fl-1850. Il-parti li qed nirreferu għaliha tiddeskrivi l-grupp tal-impjegati tad-dwana ta' Salem, Massachusetts, fl-Istati Uniti, bħala *"questi buoni vecchi – seduti lì, come Matteo, per riscuotere le gabelle, ma non degni come lui di essere chiamati ad una missione apostolica – sono gli ufficiali della Dogana"*. Waqt li l-uffiċċju huwa deskritt hekk: *"Si comprende facilmente come questo luogo sia un santuario dove la donna, con quei suoi magici arnesi che sono la scopa e la spazzola entra di rado"*.

Mill-ironija ta' Hawthorne mmorru għal-liriżmu ta' Eugenio Montale (1896-1981), li rċieva l-Premju Nobel għal-Letteratura fl-1975, fil-poeżija *Le occasioni* (1939):

*Tu non ricordi la casa dei doganieri*
*sul rialzo a ripiombo sulla scogliera*
*desolata t'attende dalla sera*
*in cui v'entrò lo sciame dei tuoi pensieri*
*e vi sostò irrequieto*

Dwanier, jew aħjar ex-dwanier, bħala protagonista prinċipali ġo rumanz insibuh fil-karattru ta' Cicikov fil-ktieb *Le anime morte* (1842) ta' Nikolai Vasilievich Gogol (1809-1852). Mill-attività tal-protagonista bħala uffiċjal tad-dwana mhux possibli li biex nagħmlu deskrizzjoni, madankollu, hija vallapena li nġibu l-kliem li Gogol juża biex jiddeskrivi d-diliġenza u l-iskrupliżità: *"andava a rovistare nelle ruote, nei timoni, nelle orecchie dei cavalli e non si sa in quanti altri luoghi, dove a nessuno scrittore è mai venuto in mente di ficcare il naso, e dove è lecito ficcare il naso soltanto agli impiegati di dogana; tanto che il disgraziato viaggiatore, pur dopo aver passato la frontiera, ancora per parecchi minuti non riusciva a tornare in sè..."*.

Referenzi oħra qosra dwar dwaniera insibuhom fin-novella *I Malavoglia* (1881) ta' Giovanni Verga (1840-1922) u f'xogħlijiet ta' Gabriele D'Annunzio (1863-1938), waqt li f'sens aktar wiesgħa, ambjenti tad-dwana insibuhom trattati f'rumanzi li għandhom kontrabandisti bħala protagonisti, bħal per eżempju, *Il piccolo alpino* (1926) ta' Salvator Gotta (1887-1980) u *L'amante dell'orsa maggiore* (1937) ta' Sergjusz Piasecki (1901-1964).

Mid-dwanier Raffaele Carrieri (1905-1984) għandna ġabra ta' poeżiji bl-isem *Lamento del gabelliere* (1945). Din il-karba ta' Carrieri hija espressjoni ta' nuqqas ta' sodisfazzjon u tbatija ta' bniedem li jixtieq jitbiegħed mill-ħajja ta' kuljum u jaspira għal orizzonti aktar wiesa'. Il-ħarsa tiegħu daqstant avventuruża, bi vjaġġi u esperjenzi eżistenzjali profondi, hija karba kontinwa, u ritorn, mhux għal xi ħaġa esterna, imma bħala konsegwenza ta' ansjetà u nuqqas ta' kwiet intern, li jimbuttah biex joħroġ u jiżvoga t-turment tiegħu fil-poeżija u f'esperjenzi mill-aktar diversi. Grazzi għal Carrieri, l-ambjent tad-dwana sar parti mil-letteratura kontemporanja u, permezz tal-"karba" tal-poeta, ġiet ukoll manifestata is-sitwazzjoni ta' tant persuni li, ta' kuljum, jaqdu dmirhom fil-kesħa ta' ljieli xitwin, f'ħidma silenzjuża.



Il-kwadru tal-veduta mill-Barrakka ta' Fuq ta' Girolamo Gianni



Il-kwadru 'La Punta della Dogana' ta' Francesco Guardi

Ħafna referenzi għad-dwana u l-attività tagħha insibuhom ukoll f'ħafna rumanzi ta' spjunaġġ, speċjalment f'dawk tal-maestri ta' dan il-ġeneru bħal Graham Greene (1904-1991), Larry Collins (1929-2005), Len Deighton (t. 1929), John Le Carrè (t. 1931), Frederick Forsyth (t. 1938) u Ken Follett (t. 1949).

Għal dak li jirrigwardja l-arti figurattiva, mhumiex ftit is-suġġetti relatati mad-dwana. Ta' importanza kbira huwa l-kwadru ta' San Mattew, impitter minn Caravaggio fl-1599-1600, li jinsab fil-Knisja ta' San Luigi dei Francesi, f'Ruma. L-opra li hija attwalment viżibbli mhix dik oriġinarja, peress li kienet rifjutata mill-klient minħabba li kienet tirrappreżenta lil San Mattew f'relazzjoni wisq dialettika mal-anġlu ispiratur tal-Vanġelu.

Ta' importanza wkoll huwa l-kwadru *La Punta della Dogana* tal-pittur Venezjan Francesco Guardi, fejn insibu raffigurata d-Dwana ta' Venezja, ħdejn il-Knisja ta' Santa Maria della Salute, biswit il-Kanal il-Kbir u l-Giudecca. Id-Dwana ta' Venezja tinsab indubbjament f'pożizzjoni partikolarment suġġestiva peress li ispirat ukoll it-titlu ta' rumanz ta' Jean D'Ormesson (t. 1925), *La dogana di mare* (1994), *"da cui è così bella la vista sul Palazzo Ducale e sull'alto campanile di San Giorgio Maggiore"*.

Għal dak li jirrigwardja d-Dwana ta' Malta, għandna kwadru ta' Girolamo Gianni li juri veduta minn arkata tal-Barrakka ta' Fuq fejn fiha naraw ukoll l-binja tal-imħazen ta' Xatt il-Barriera, li kienet inbniet fl-1727 u tagħmel parti mid-Dwana.



THE CUSTOM-HOUSE.

INTRODUCTORY TO "THE SCARLET LETTER."

It is a little remarkable, that—though disinclined to talk overmuch of myself and my affairs at the fireside, and to my personal friends—an autobiographical impulse should twice in my life have taken possession of me, in addressing the public. The first time was three or four years since, when I favored the reader—inexcusably, and for no earthly reason, that either the indulgent reader or the intrusive author could imagine—with a description of my way of life in the deep quietude of an Old Manse. And now—because, beyond my deserts, I was happy enough to find a listener or two on the former occasion—I again seize the public by the button, and talk of my three years' experience in a Custom-House. The example of the famous "P. P., Clerk of this Parish," was never more faithfully followed. The truth seems to be, however, that, when he casts his leaves forth upon the wind, the author addresses, not the many who will ... take it up, but

Ħafna mużewijiet tad-dwana jesebixxu xhieda tal-passat fis-settur speċifiku tagħhom. Għal materjal ta' valur artistiku rari ħafna, insibu l-Museo delle Biccherne e delle Gabelle ta' Siena fejn hemm konservati 105 kopertina ta' reġistri tal-kontijiet, li l-uffiċjali raffinati tal-Biccherna (l-amministrazzjoni tad-dħul u l-ħruġ) u tal-Gabella (taxxa tas-sisa) kienu jikkommissjonaw lill-pitturi lokali, bħal per eżempju, Simone Martini (1284-1344), Ambrogio Lorenzetti (1290-1348), Benvenuto di Giovanni (1436-1518) u Domenico Beccafumi (1486-1551). Dawn il-kopertini, li jirrappreżentaw mumenti ta' attività fiskali jew fatti ta' kronaka, kienu fil-bidu jsiru fuq tavoletti tal-injam ta' madwar 36x24cm. Iżda, maż-żmien, baqgħu jikbru fid-dimensjoni sakemm saru fl-aħħar *copertine da parete*, jiġifieri kwadri veri u proprji. Kull kopertina hija datata u s-sett kollu sar bejn l-1258 u l-1682.